

Id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tiegħek

#EU4SocialSecurity
#EULabourAuthority

EU4SOCIAL
SECURITY
Mobility is your choice. Protection is your right

ELA
AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL



1 **Ċaqliq madwar l-UE**
Id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tiegħek huma protetti meta tiċċaqlaq madwar l-UE, iżda kull pajjiż għandu l-iskema soċjali tiegħu. Iċċekkja liema drittijiet għandek fil-pajjiż ospitanti tiegħek.



2 **Xogħol barra mill-pajjiż**
Meta tiċċaqlaq madwar l-UE, inti tista tkun assigurat f'pajjiż wieħed biss. Dan normalment ikun il-pajjiż fejn taħdem.



3 **Stazzjonat(a) barra mill-pajjiż**
Jekk tintbagħat temporanjament biex taħdem f'pajjiż ieħor, inti tibqa' assigurat f'pajjiżek (imla l-formola PDA1).



4 **Marid(a) jew ikollok wild wild barra minn pajjiżek**
Meta tkun teħtieġ kura tas-saħħa waqt li tkun barra minn pajjiżek, tista' tirċeviha hemm, irrispettivament minn fejn int assigurat fl-UE. Madankollu, il-benefiċċji fi flus kontanti tal-mard, tal-maternità u tal-paternità tiegħek se jitħallsu mill-pajjiż tal-assigurazzjoni tiegħek.



5 **Benefiċċji tal-familja**
Il-benefiċċji tal-familja jitħallsu anke meta l-membri tal-familja jgħixu f'pajjiżi differenti, b'regoli biex jiġu evitati pagamenti doppji.



6 **Qgħad**
Jekk tiflef l-impjieg tiegħek, normalment il-benefiċċji tal-qgħad jitħallsu mill-pajjiż fejn ħdimt l-aħħar — bil-perjodi tal-assigurazzjoni tiegħek minn pajjiżi oħra miżjuda magħhom. Tista' tfittex xogħol ġdid fi kwalunkwe post fl-UE.

7 **Incident fuq il-post tax-xogħol jew mard okkupazzjonali**
Jekk iġġarrab aċċident fuq il-post tax-xogħol jew minn marda okkupazzjonali waqt li tkun barra minn pajjiżek, int intitolat għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż fejn dan ikun seħħ, anki jekk tkun assigurat xi mkien ieħor. Il-benefiċċji fi flus jitħallsu mill-pajjiż tal-assigurazzjoni tiegħek.



8 **Pensjoni**
Meta tingħata l-pensjoni, il-karriera tiegħek fl-UE tgħodd kollha. Kull pajjiż fejn kont assigurat għal mill-inqas sena se jħallsek pensjoni bbażata fuq kemm ħdimt hemmhekk — u tista' tirċiviha fi kwalunkwe post fl-UE.



Appoġġ u pariri

Jekk tiffaċċja problemi, is-servizzi tal-UE bħal Your Europe - Pariri, EURES jew SOLVIT jistgħu jgħinuk tifhem u titlob id-drittijiet tiegħek.

Sir af aktar

ela.europa.eu/social-security-campaign